ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' April, 2025

Talba Nru: CCT9/25/DS

Anna Maria Grech

Vs

ISD Company Limited

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-10 ta' Jannar, 2025 fejn talab illi s-soċjeta' intimata riżarċiment ta' elf u disgħin Ewro (€1,090) għal reverse osmosis illi l-attriċi tirritjeni difettuża.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ ma intavolatx risposta fil-ħin u għal din ir-raguni giet meqjusa kontumaci minn dan it-Tribunal;

Ra illi ma saret l-ebda talba għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja;

Ra illi l-attriċi preżentat il-pużizzjoni tagħha;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidra

Illi mill-provi jirriżulta illi r-rikorrenti kkonfermat id-dettalji dwar it-talba tagħha taħt ġurament. Is-soċjeta' intimata m'għamlitx risposta fil-ħin u hija meqjusa kontumaċi. Il-verżjoni tar-rikorrenti m'hija bl-ebda mod kontradetta pero' dan ma jfissirx illi dan it-Tribunal m'għandux l-obbliġu illi jissindika l-veraċita' tal-fatti u jara li jkunu korroborati mill-evidenza miġjuba b'mod illi ma jħallu l-ebda dubbju f'moħħ dan l-istess Tribunal illi l-fatti graw hekk kif gie konfermat taħt ġurament biex jasal għal deċiżjoni jekk fuq bilanċ ta' probabbilita' l-attriċi għanhiex raġun o meno.

Ikkunsidra

Illi l-attriċi xehdet illi hija xtrat *reverse osmosis* għad-dar tagħha f'Għawdex li twaħħlet f'Jannar, 2024 li meta telgħat f'Ġunju tal-istess sena u marret biex tuża l-ilma indunat li kien jinten, bidlet l-ilma tlett darbiet u xorta baqgħet bl-istess problema. Din il-problema jidher li ppersistiet u s-soċjeta' intimata kienet baghtitilha tekniku sabiex jara' l-problema x'kienet. Irriżulta minn testijiet illi kien għamel illi l-ilma kien ikkontaminat. It-teknici kienu għamlu testijiet u anka bidlu l-*filters* pero' il-problema ppresistiet. It-teknċi qalulha f'aktar min okkazjoni waħda li l-ilma kkontaminat. L-attriċi trid il-flus lura għal dan il-prodott. Hija qalet illi huma kienu lesti jibdlulha l-prodott li kellha Malta ma dak li kellha Għawdex pero' kien ser jispiċċa jkollha l-istess problema jekk ma tużahx fit-tul.

Illi ma ngiebet l-ebda prova ta' kontaminazzjoni tal-ilma minħabba difett fil-prodott anzi dan it-Tribunal, fuq xhieda tal-attriċi stess, semgha illi anki meta nbidlu l-filtri u saru t-testijiet irriżulta li l-ilma kien kontaminat. Kien fl-interess tal-attriċi illi ġġib il-provi neċessarji biex tikkonvinċi lil dan it-Tribunal illi effettivament il-prodott difettur pero' sfortunatament għalkemm dan it-Tribunal konvint li l-ilma kien ikkontaminat, huwa priv minn provi li juru fuq bilanċ ta' probabbilta' illi hemm ness bejn xi difett fil-prodott u l-kontaminazzjoni.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti ma provatx il-każ tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tagħha m'għandhiex tiġi milqugħa.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
P.G. Cert. (Parental Alienation)(IFT-Malta),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru